**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk

## ID-DISA` LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 35** **7 ta' April, 2026**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta 7 ta' April fid-9.30 ta' filgħodu.

Din il-laqgħa ixxandret 'live' permezz tas-sistema tal-'online streaming' kif wkoll kienet miżmuma bis sistema tal-'Video On Demand' u mtella' fuq il-paġna tal-Kunsill https://marsaxlokklc.gov.mt/live-streaming/

**PREŻENTI:**

Steven Grech - Sindku
Reno Buġeja - Kunsillier
Matthew Buġeja - Kunsillier
Daniel Zerafa - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

Miriam Camilleri - Viċi Sindku

**ASSENTI:**

Ħadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Vanessa Galea - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **35.1** | **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija** |
| 35.1.1 | Is-Sa. Miriam Camilleri bagħtet ittra ta' apoloġija sabiex tiġi skużata mill-laqgħa għar-raġunijiet li m'għandix kontrol fuqhom. Il-kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġija u ma' sabu l-ebda oġġezzjoni li tiġi skużata. |
| | |
| **35.2** | **Skemi** |
| 35.2.1 | Is-Sindku Steven Grech informa lil kunsilliera illi l-avveniment li jaqa' taħt l-iskema SPI/SCI/02/2025 Skema għall-Attivitajiet Kulturali se jiġi pospost minħabba nuqqas ta' parteċipanti. Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa jekk il-fondi ma intilfux, u s-Sindku Steven Grech spjega li le. Il-Kunsillier Reno Bugeja spjega li ma setax isib sajjieda biex jipparteċipaw. Is-Sindku spjega wkoll li l-avveniment kien wisq viċin biex jiġi organizzat kif suppost, u li hu kkuntattja lid-dipartiment rigward il-fondi. Barra minn hekk, spjega li peress li din is-sena reġgħet ħarġet l-istess applikazzjoni, ma nistgħux napplikaw għaliha minħabba li għad għandna l-applikazzjoni tal-2025 pendenti.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv b'awtorizzazzjoni mis-Sindku ppreżentat kalendarju bl-avvenimenti previsti għal din is-sena sabiex tiġi stabbilita data adattata. Inizjalment ġiet proposta d-data tat-8 ta' Awwissu; madankollu, ġie rrimarkat mill-Kunsillier Matthew Buġeja li minħabba l-festa jista' jkun diffiċli li tinstab l-għajnuna meħtieġa mingħand l-għaqdiet. Sussegwentement, ġiet proposta d-data tad-29 ta' Awwissu, li għaliha l-Kunsillier Matthew Bugeja esprima l-qbil tiegħu. Huwa staqsa wkoll dwar l-avveniment "Pjazza ma' Pjazza", li għadu pendenti u ppjanat li jsir fil-11 ta' Lulju, sabiex jiġi evalwat jekk l-avveniment kulturali jistax isir fl-istess ġurnata. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li, min-naħa tad-Deputat Segretarju, ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-inizjattiva "Pjazza ma' Pjazza, iżda sa llum għadha ma waslitx risposta minn naħa tagħhom.<br><br>Il-Kunsilliera ġew infurmati li, peress li ma nstabux sajjieda parteċipanti, it-tema tal-avveniment kienet ser tiġi aġġustata. Ġie propost li jingħalaq Xatt is-Sajjieda għat-traffiku, filwaqt li l-imwejjed tar-ristoranti jibqgħu fuq il-bankina li tmiss mal-baħar. Bħala divertiment, l-attivita' ser tinkludi parata tal-iScouts u banda, li ser tgħaddi minn nofs ix-xatt. Dawn ser jibdew mill-inħawi tal-Iskuna u jkomplu lejn il-pjazza, bil-għan li kull ristorant max-xatt ikun involut fl-attività. Ser jitpoġġew elementi dekorattivi relatati mas-sajd, inklużi xbieki, fiż-żona tat-tinda.<br><br>Il-Kunsillier Reno Bugeja spjega li bejn il-banda u l-iScouts ser ikun hemm pawża organizzata, li matulha ser ikun hemm kantanti u preżentaturi jipprovdu divertiment fil-pjazza, sabiex il-wejters tar-ristoranti jkunu jistgħu jaħdmu aħjar. Ġie propost wkoll illi jkun hemm ferrovija li tmur sat-Torri San Luċjan. Ma nstabet l-ebda oġġezzjoni.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja ippropona d-data tat-22 ta' Awwissu w informa li ser jikkonsulta mal-għaqdiet sabiex tiġi identifikata l-aktar data adattata bejn it-22 u d-29 ta' Awwissu, u jagħti risposta lill-Kunsill. |

| | |
|---|---|
| | Fl-aħħar nett, is-Sindku Steven Grech staqsa lill-Kunsilliera jekk jaqblux mat-tema u mal-proposti kollha diskussi, u l-Kunsilliera preżenti esprimew il-qbil tagħhom. |
| | |
| 35.2.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv ġie awtorizzat mis-Sindku sabiex jispjega dwar l-iskemi li rċieva mid-dipartiment, li għalihom il-Kunsill jista' japplika fis-sena 2026, peress li dawn jaqgħu taħt kwistjonijiet amministrattivi.<br><br>L-iskemi li ġew sottomessi għall-approvazzjoni, flimkien mat-tqassim dettaljat tal-fondi (kemm ser jingħata mid-dipartiment u kemm ser jikkontribwixxi l-Kunsill), kienu dawn li ġejjin:<br>• SPI/SCI/01/2026 Attivitajiet Kulturali Annwali 2026<br>• SPI/SCI/02/2026 Lokalitajiet aktar Nodfa 2026<br>• SPI/SCI/03/2026 Attivitajiet Milied 2026<br>• SPI/SCI/04/2026 Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali<br>• SPI/SCI/05/2025 Komunitajiet aktar b'Saħħithom u ta' Kwalita'<br>• SPI/SCI/06/2026 Karnival 2027<br><br>**SPI/SCI/01/2026**<br>Kien spjegat li, kif diġà ġie indikat qabel, ma jistax jiġi applikat għalih. Il-Kunsilliera ħadu nota.<br><br>**SPI/SCI/02/2026**<br>L-iskema ġiet approvata mill-Kunsilliera preżenti.<br><br>**SPI/SCI/03/2026**<br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja talab li tittieħed nota u li tintbagħat komunikazzjoni lid-dipartiment rilevanti sabiex l-avveniment ikun jista' jsir fid-29 ta' Novembru, qabel il-Mixgħela tal-Milied. L-iskema ġiet approvata b'mod unanimu.<br><br>**SPI/SCI/04/2026**<br>L-iskema ġiet approvata b'mod unanimu.<br><br>**SPI/SCI/05/2026**<br>L-iskema ġiet approvata b'mod unanimu.<br><br>**SPI/SCI/06/2026**<br>L-iskema ġiet approvata b'mod unanimu. |
| | |
| **35.3** | **Tmiem tal-Laqgħa** |
| 35.3.1 | Il-laqgħa intemmet wara li ġiet eżawrita l-aġenda. |

Konfermati, illum 14 ta’ April, 2026.

**IFFIRMATA**

________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

__________________________

**Vanessa Galea**
*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

________________________

***Proponent***

**IFFIRMATA**

_________________________

***Sekondant***